MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 474/2015

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Stephanie DEBONO [ID 460786M] u b'digriet datat 15 ta' Lulju, 2015 il-kunjom DEBONO gie sostitwit bil-kunjom AGIUS skond ma kien mitlub fin-nota tal-intimata datata 2 ta' Lulju, 2015**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-4 ta' Gunju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' sitt mija sitta u ghoxrin euro u hamsa u tmenin centezmi ta' euro [€626.85c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u sitta u ghoxrin ewro u hamsa u tmenin centezmi (€626.85) liema

ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40157344 moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY 4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fit- 13 ta' Gunju, 2015 u li baqghet ma resqet l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi salv ghan-nota datata 2 ta' Lulju, 2015 (fol. 17).

Ra n-nota datata 2 ta' Lulju, 2015 (fol. 17) fejn l-intimata resqet nota li permezz taghha ammettiet it-talba mresqa mis-socjeta rikorrenti fil-konfront taghha. L-istess intimata talbet li hija tinghata l-fakulta li thallas lura lis-socjeta rikorrenti b'pagamenti mensili ta' hamsin Euro (€50) u qalet li tista tirritorna ukoll iz-zewg set top boxes li jinsabu fil-pussess taghha minnufih. Finalment l-istess intimata talbet li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Ghar-rigward tal-pagamenti mensili, Dr. Keith Grech ghas-socjeta rikorrenti rrimetta ruhhu.

Ra ukoll l-istess nota datata 2 ta' Lulju, 2015 fejn l-intimata talbet li kunjomha hekk kif migjub fit-talba u cioe DEBONO jigi sostitwit bil-kunjom AGIUS stante li hija zzewget. It-Tribunal b'digriet tieghu stess tal-lum laqa' t-talba u ordna s-sostituzzjoni kull fejn din tirrikorri.

Ra li ghas-seduta tal-lum kien hemm ukoll prezenti d-difensur ta' l-intimata.

In vista ta' l-ammissjoni tal-intimata t-Tribunal ippospona l-kawza ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' sitt mija sitta u ghoxrin euro u hamsa u tmenin centezmi ta' euro [€626.85c] in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40157344.

Ikkunsidra;

2. L-intimata resqet nota fit-2 ta' Lulju, 2015 li permezz taghha ammettiet it-talbiet tas-socjeta rikorrenti. L-intimata talbet biss li hija tinghata l-fakulta li thallas dan l-ammont f'pagamenti mensili u li l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. In vista ta’ din l-ammissjoni da parti ta’ l-intimata, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

4. Ghar-rigward tat-talba tal-intimata li l-ispejjez tal-proceduri odjerni jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, it-Tribunal qieghed jichad l-istess, fl-ewwel lok peress li ma kienx hemm qbil ma dan mis-socjeta rikorrenti u fit-tieni lok ghaliex l-intimata ma kellhiex ghalfejn toqghod tistenna dawn il-proceduri sabiex tiffirma ftehim mas-socjeta rikorrenti galadarba ammettiet l-ammont reklamat. Ghar-rigward taz-zewg set top boxes, it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni tal-valur taghhom, l-ghaliex dawn ghadhom, skond in-nota datata 2 ta’ Lulju, 2015 fil-pussess ta’ l-intimata. It-Tribunal huwa perswaz li hekk kif appena l-intimata tirritorna dan l-apparat, is-socjeta rikorrenti tiehu kont taghhom u tnaqqas, jekk ikun il-kaz, kull ammont li jista jkun dovut minhabba li dawn ikun gew ritornati lilha.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ sitt mija sitta u ghoxrin euro u hamsa u tmenin centezmi ta’ euro [€626.85c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-12 ta’ Novembru, 2014, d-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali (fol. 10), sad-data tal-hlas effettiv.

In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-intimata u ghal fatt li s-socjeta rikorrenti rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal, it-Tribunal qieghed jordna li l-ammont hawn fuq dikjarat bhala dovut, flimkien ma’ l-imghaxijiet relattivi, ghandu jithallas mill-intimata fl-ammont ta’ hamsin euro (€50) fix-xahar bl-ewwel pagament ikun dovut fl-1 ta’ Awwissu, 2015 u imbaghad kull l-ewwel jum tax-xahar sussegwenti sakemm id-debitu jigi saldat. F’kaz li l-intimata tonqos milli thallas pagament wiehed, allura l-ammont kollu jiġi dovut minnufih flimkien ma’ l-imghaxijiet relattivi.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------